**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' FRAR 2023**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 1216/2020 RGM**

**Raymond Arpa (K.I. 493457M)**

**vs.**

**Ministru tat-Turismu**
**Is-soċjeta Air Malta plc (Nru. Reg C26851)**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors maħluf tal-21 ta' Diċrmbru 2020 l-attur fisser li huwa kien impjegat bħala Airport Duty Manager mas-soċjeta Air Malta plc mis-sena 1978 sat-13 ta' Jannar 2013 meta huwa irtira mill-impjieg tiegħu a bażi ts' Skema ta' Irtirar Kmieni offruta mill-istess soċjeta. Fit-2 ta' Marzu 2010 l-imsemmija soċjeta ħarġet talba interna għall-applikazzjonijiet biex timtela l-posizzjoni ta' General Manager Ground Operations fejn skont is-sejħa l-applikant kellu jkollu għaxar (10) snin esperjenza fi ħdan *Ground Operations Division*. Fl-istess ġurnata r-rekwiżit ta' 10 snin inbidlet għal waħda ta' ħames (5) snin. L-attur jispjega li l-

posiżjoni ġiet mogħtija lil persuna li kellha biss ħames snin esperjenza fil-*ground operations* u li kellha proċeduri kriminali pendenti kontriha liema ħatra allura tmur kontra l-proċeduri normali fejn persuni bi proċeduri kriminal pendenti jiġu immedjatament sospiżi għal raġunijiet ta' sigurta. Ippremetta li l-*Grievance Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim'Ministru sabet li l-proċess tal-għażla kien vizzjat u li għalhekk l-għażla ma kinitx ġusta. Fil-konfront tal-attur, l-istess Bord b'deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2016 m'awtorizzax kumpens li setgħa kien dovut iżda awtorizzaw għotja ta' €2,500 filwat li r-*Review Board* b'deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2019 awtorizzat ħlas ta' €500 oħra. Filwaqt li aċċetta l-ewwel għotja huwa rrifjuta li jaċċetta t-tieni għotja u dan għaliex huwa qatt ma ingħata ċ-ċans jidher quddiem l-appell u allura dan ingħata bi vjolazzjoni tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*. L-attur jinsisti li huwa kien l-aktar persuna eleġibbli biex jinħatar għal posizzjoni li tagħha ħarġet is-sejħa. Ikompli jgħid li minħabba l-aġir illegali tas-soċjeta konvenuta u bid-deċiżjonijiet interni ta' Bord imqabbad mill-Ministeru intimat sabiex jirrisolvi disputi bejn l-istess soċjeta u impjegati tagħha, huwa sofra danni f'telf ta' pagi kif ukoll f'telf ieħor rifless fiz-zewg terzi tal-istess paga meta aċċetta l-iSkema tal-Irtirar. Jippremetti wkoll li huwa ġie wkoll ippreġudikat finanzjarjament b'deċiżjoni oħra meħdua mill-istess Bord ta' Inġustizzji u sussegwentament il-Bord tal-Appell fi ħdan il-Ministeru konvenut meta irrifjutaw, mingħajr spjegazzjoni, jagħtuh is-somma ta' €4,500, u ċioe kumpens ta' arretrati ta' żieda stabbilita mis-soċjeta konvenuta li l-ħaddiema ma ħadux bejn is-sena 2004 u s-sena 2011 abbażi tal-*Air Malta Rescue Plan Agreement* milħuq bi ftehim bejn l-istess soċjeta u l-Unions li kienu jirrappreżentaw lill-ħaddiema tas-setturi diversi tal-istess soċjeta. Kien għalhekk li l-attur intavola dawn il-proċeduri u talab lil din il-Qorti:

> "1. Tiddikjara li d-decizjonijiet mehudin mis-socjeta intimata l-Air Malra u mill-Bordijiet tal-Ingusitzzja, kemm ta' *prima istanza* kif ukoll appell, hija

infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi ddikjarata nulla u bla effett;

2. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom kissru d-drittijiet tal-esponenti billi cahduh mill-promozzjoni u ma tawhx il-kumpens dovut;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti responsabbli ghad-danni subiti;

4. Tillikwida d-danni kemm f'*danum emergens* u *lucrum cessans* tal-esponenti okkoredno bl-operat ta' esperti / periti nominandi;

5. Tordna lill-konvenuti ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk illikwidata tad-danni.

Bl-ispejjes u imghaxijiet legali inkluz tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Lulju 2020 kontra il-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni."

2. Il-Ministru tat-Turiżmu ippreżentat ir-risposta tiegħu fit-22 ta' Jannar 2021 fejn eċċepixxa li in linea preliminari li (a) għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju u dan peress la kien jifforma parti mill-Bord ta' Inġustizzji u anqas mill-Bord tal-Appell u la qatt kellu xi rwol li biha seta b'mod dirett jew b'mod anċillari jinvolvi ruħu fit-tmexxija tal-Bord u wisq anqas kien involut fit-teħid ta' xi deċiżjoni tal-Bord; (b) huwa s-Segretarju Permanenti r-rappreżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji u dan skont l-Artikolu 17 (8) tal-Kapitolu 595 kif ukoll skont l-Artikolu 181B (1) (b) tal-Kapitolu 12; (ċ) l-attur naqas milli jinnotifika lill-Avukat tal-Istat skont l-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12; (d) n-natura tal-azzjoni hija waħda amministrattiva li taqa fil-parametri tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u mhux każ li taqa fil-parametri ta' azzjoni *ex delictu*; (e) d-dekada ż-żmien minn meta setgħet tittieħed xi azzjoni ta' indagar amministrattiv

ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12; (f) anke jekk ma taqax fil-parametri tal-Artikolu 469A, l-azzjoni hija preksritta a tenur tal-Artikolu 2147 (ċ) u 2156 (f) tal-Kapitolu 16; (g) d-deċizjonijiet tal-Bord tal-Inġustizzji ma jistgħux jiġu appellati. Fil-mertu, il-Ministru jeċċepixxi li hu mhu responsabbli għal ebda danni. Eċċepixxa wkoll li t-talbiet tal-attur huma infondati stante li mal-irtirar tiegħu hu aċċetta ħlas għas-saldu ta' kwalunkwe talba jew pretensjoni li huwa kellu jew seta kellu marbuta mal-impjieg tiegħu mas-soċjeta Air Malta. In oltre ġie eċċepiet ukoll li stante li hija azzjoni msejsa fuq l-Artikolu 469A sabiex jingħataw danni għandu jintwera li kien hemm *mala fede* u irraġonevolita fid-deċiżjonijiet kif meħuda.

3. Is-soċjeta konvenuta Air Malta plc resqet l-eċċezzjonijiet tagħha fis-26 ta' Jannar 2021. In linea preliminari eċċepiet li (a) l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 et seq tal-Kapitolu 16; (b) għandu jiġi indikat taħt liema artikolu tal-liġi qiegħda tiġi msejsa l-azzjoni u dan peress li jekk l-azzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 hija għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hija soċjeta kummerċjali u mhux awtorita pubblika u fi "kwalunkwe każ tali talbiet huma preskritti"; (ċ) is-soċjeta ma kinitx responsabbli mit-Termini ta' Referenza u / jew il-kumpens li kienu ġew stipulati għall-Bord tal-Inġustizzja u lanqas ma kienet responsabbli mill-Bord tal-Appell; (d) id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Inġustizzja hija finali u mhux appellabbli. Fil-mertu eċċeppiet li m'hemm l-ebda ħlas dovut. In oltre l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet kollha tiegħu fuq presuppożizzjoni ipotetika li kien ikun hu li jieħu l-kariga ta' General Manager Ground Operations b'xi dritt, meta kien hemm persuni oħra li wkoll setgħu jkunu eliġibbli għall-istess kariga.

4. B'nota tat-12 t'April 2021, l-attur ippremetta li l-azzjoni odjerna hija imsejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452.

5. In segwietu għal din in-nota il-qorti awtorizzat lill-konvenuti jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Is-soċjeta konvenuta fir-risposta ulterjuri ppreżentata fil-25 ta' Mejju 2021 eċċepiet li għemil amministrattiv jista' jitwaqqa meta l-azzjoni ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-egħmil amministrattiv u għalhekk il-kawża odjerna għandha tkun limitata biss għal kwalunkwe azzjoni li saret sa sitt xhur qabel l-intavolar tal-kawża odjerna. In oltre eċċepiet ukoll li azzjoni taħt l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 għandha ssir fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat u l-ilment jiġi ppreżentat lit-Tribunal Industrijali.

7. Il-Ministru konvenut ippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri fid-9 ta' Ġunju 2021. Hemm huwa eċċepixxa li l-azzjoni msejsa fuq l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 hija preskritta u dan skont l-Artikolu 30 tal-istess Kapitolu. Eċċepixxa wkoll li huwa qatt ma kellu relazzjoni ta' impjieg mal-attur u għalhekk ma jistax jinsab responsabbli ta' għemil diskriminatorju. Fejn l-azzjoni ġiet imsejsa fuq l-Artikolu 469A, il-Ministru konvenut eċċepixxa li azzjoni taħt l-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmein sitt xhur.

8. Wara li rat l-eċċezzjonijiet ulterjuri, fit-13 ta' Lulju 2021 il-Qorti dderiġiet lill-partijiet li ser tisma' l-provi limitatament rilevanti għall-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

9. Is-soċjeta kummerċjali ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fil-31 ta' Jannar 2022[1] kif ukoll il-Ministru tat-Turismu ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fil-31 ta' Jannar 2022[2]. L-attur ippreżenta nota ta'

[1] Fol 195 et seq tal-proċess.
[2] Fol 202 et seq tal-proċess.

sottomissjonijiet fis-7 t'April 2022[3] kif ukoll not ta' sottomissjonijiet ulterjuri fis-6 ta' Settembru 2022.

10. Wara li l-legali tal-partijiet għamlu trattazzjoni tagħhom, il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni**

11. Din hija azzjoni li skont l-attur ġiet imsejsa fuq l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 u l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Għalkemm jidher li l-attur qiegħed jaqbel mal-konklużjoni tal-Bord fejn effettivament sab li huwa kien sofra inġustizzja fil-konfront tiegħu, pero huwa ma jaqbilx mal-kumpens likwidat, tant li skont l-attur l-istess somma likwidata hija inġusta minnha nnifisha.

12. Minn dak fuq premess u mill-provi dokumentari imressqa mill-attur, il-Qorti qiegħda tifhem li l-attur qiegħed jikkontesta żewġ deċiżjonijiet separati f'din il-kawża – (a) dik ta' quddiem il-Grievance Unit li kien twaqqaf fi Frar tal-2014 wara ċirkular maħruġa mill-uffiċċju tal-Prim Ministru Nru 4/2014 datata 5 ta' Frar 2014 u tar-*Review Board*, u (b) dik ta' quddiem il-Bord tal-Inġustizzji mwaqqaf f'Mejju 2019. Qiegħed ukoll jitlob dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu ġew leżi meta ċaħduh mill-promozzjoni u ma tawhx il-kumpens dovut.

**L-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452**

13. Il-Qorti sejra tibda billi tqis l-Artikolu 26 tal-Kaptiolu 452 (Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali).

---

[3] Fol 215 et seq tal-proċess

14. It-tieni eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjeta konvenuta taqra hekk:

"Illi b'referenza għall-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452, is-soċjeta esponenti tirrileva illi tali azzjoni hija preskritta in vista tal-animae tal-Artikolu 30 tal-istess att, li huwa ċar, li persuna li tallega kwalsiasi azzjonijiet abbażi tal-Art. 26, 27, 28 jew 29 tista' fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali."

15. L-**Artikolu 26 (1) u (2)** tal-imsemmi kapitolu jipprovdi hekk:

"(1) Ħadd ma jista' –

(a) fil-waqt li jagħmel reklam jew joffri impieg jew fil-waqt li joffri opportunitajiet ta' impieg jew meta jiġi għall-għażla ta' applikanti għal impieg, jassoġġetta xi applikant għal impieg jew xi klassi ta' applikanti għal impieg għal trattament diskriminatorju;

(b) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta'impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi:

(a) l-impieg jew l-għażla ta' persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, sakemm il-prinċipal ma jippruvax li l-azzjoni kienet bbażata fuq raġunijiet aċċettabbli relatati max-xorta tax-xogħol jew għal raġunijiet relatati mat-twettiq jew ma l-esperjenza ta' xogħol magħmul qabel;

(b) azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta'trattament diskriminatorju;

(ċ) azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju"

16. Ma' dan l-artikolu irid jinqara wkoll l-**Artikolu 30** tal-istess Kapitolu:

"(1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa" (sottolinear tal-Qorti).

17. L-attur ma jagħmel ebda sottomissjonijiet la bil-miktub u lanqas bil-fomm dwar l-Artikoli 26 u 30 tal-Kapitolu 452. L-unika ħaġa li jingħad huwa li Raymond Arpa dar għar-rimedju disponibbli għalih sabiex jikseb kumpens għad-diskriminazzjoni li huwa sofra.

18. Kif juri l-Artikolu 30 il-kompetenza sabiex tindaga jekk kienx hemm diskriminazzjoni o meno hija f'idejn it-Tribunal Industrijali u mhux il-Qorti ordinarja, għalhekk fuq dan il-punt waħdu, sa fejn l-azzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 26, l-azzjoni taqa. In oltre jekk kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni mis-soċjeta konvenuta dan sar lura fl-2010 meta l-attur kien għadu impjegat tagħha u meta għażlet lil terza persuna u mhux lilu għax-xogħol li tagħha kienet ħarġet is-sejħa. Ormai għaddew aktar minn għaxar snin minn meta allegatament seħħ id-diskriminazzjoni u ġiet intavolata l-azzjoni odjerna. Għal dan il-għan il-Qorti sejra tiċħda it-talbiet hekk imsejsa fuq l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 stante li l-forum idoneu ma hiex il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili iżda t-Tribunal Industrijali.

**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12**

19. Imiss issa li jiġi mistħarreġ l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, l-artikolu li jirregola l-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Il-Qorti tagħmilha ċara li t-talbiet ma jagħmlu ebda referenza għall-Artikolu 469A iżda fil-premessi jingħad li d-deċiżjonijiet meħuda mill-*Grievance Unit* u r-*Review Board* kisru l-prinċipju tal-*audi alteram partem* filwaqt li d-deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2019 ingħatat bla ebda loġika jew raġuni valida.

20. L-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjeta konvenuta tipprovdi hekk:

> "Illi b'referenza għall-Artikolu 469A tal-Kap 12, ai finijiet tas-subartikolu 3 tal-istess Artikolu, kawża sabiex twaqqa' għemil amministrattiv għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv u għalhekk il-kawża odjerna għandha tkun limitata biss għal kwalunkwe azzjoni li saret sa sitt xhur qabel l-intavolar tal-kawża de quo."

21. L-eċċezzjoni tal-Ministru dwar l-Artikolu 469A tgħid hekk:

> "Illi b'referenza lejn l-azzjoni msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u stante li kwalunkwe azzjoni ta' indagar għanda ssir fi żmien sitt xhur, il-kawża odjerna għandha tkun limitata biss għall-kwalunkwe azzjoni li saret ta' sitt xhur qabel l-intavolar tal-kawża odjerna."

22. Kif ġa ritenut aktar 'l fuq jidher li l-attur qiegħed jikkontesta (a) id-deċiżjoni ta' quddiem il-*Grievance Unit* li kien twaqqaf fi Frar tal-2014 wara ċirkular maħruġa mill-uffiċċju tal-Prim Ministru Nru 4/2014 datata 5 ta' Frar 2014 u d-deċiżjoni tar-*Review Board*, u (b) dik ta' quddiem il-Bord tal-Inġustizzji mwaqqaf f'Mejju 2019.

23. Imiss li jiġu determinati l-fatti qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali tagħha.

24. B'ċirkolari tal-5 ta' Frar 2014 is-Segretarju Permanenti Ewlieni waqqaf *Grievance Unit* biex jistħarreg allegazzjonijiet minn uffiċjali pubbliċi li sofrew inġustizzja, u f'każ li jkunu validi, jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex tissewwa l-inġustizzja.

25. L-ewwel ilment tal-attur lill-imsemmi unit kien maqsum fi tnejn. B'ittra tat-2 ta' Marzu 2014 indirizzata lis-Sur Vince Muscat fi ħdan il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, huwa ppremeta li kien soffra inġustizzja meta kien terz li ingħata l-promozzjoni u mhux hu u li din kellha effett negattiv fuq l-iskema tal-irtirar li huwa eventwalment kien imġiegħel jieħu wara li kienu qalulhom li jekk l-impjegati tal-Air Malta jirrifjutaw li jaċċettaw l-iskema ta' irtirar, l-Air Malta kienet ser tagħlaq u tkeċċi lil kulħadd il-barra.[4] It-tieni kienet saret b'ittra tal-31 ta' Mejju 2014 indirizzata dirett lid-Dipartiment ta' Riżorsi Umani fi ħdan is-soċjeta konvenuta, liema ilment kien jaqra preċiżament hekk:

> *"1. I would like to make my plea regarding arrears to the amount of €4500 paid in 2012 to Air Malta employees. In 2011 Air Malta decided that it would pay all employees the fixed amount of €4500 as compensation for the wage freeze imposed on employees from 2004 – 2012 (except for Group Heads). May I point out that I was still employed with Air Malta between 2004 and 2012, and remained in full employment until 13th January 2013 so I cannot understand why I was not given such arrears?*
>
> *2. I would also like to plea regarding a wage increase of 3% weekly given to employees as from 1st January 2012, while I was still employed with Air*

[4] Fol 161 tal-proċess.

*Malta. Having worked all of 2012 in the capacity of my grade as Airport Duty Manager, I did not receive any increase in my salary although I remained in service with Air Malta, the last day being 13th January 2013. For the whole of year 2012, I remained on the same basic salary whilst other staff had theirs increased by 3%."*[5]

26. Il-*Grievance Unit* fid-19 ta' Settembru 2016 għamel is-segwenti rakkomondazzjonijiet:

> "fir-rigward tal-ewwel talba, l-ilment ma huwiex gustifikat.
>
> Fir-rigward tat-tieni talba, il-Unit ihoss illi l-ilment huwa gustifikat u ghalhekk ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex jigu aggustati l-pensjonijiet relattivi.
>
> Fir-rigward tat-tielet talba, il-Unit ihoss illi l-ilment huwa gustifikat u ghalhekk ghandu jinghata kumpens finali u ta' darba ta' €2,500."[6]

Din ir-rakkomondazzjoni ġiet implementata u dan ir-rimedju ingħata "għas-saldu u in pien sodisfazzjoni tal-pretensjonijiet kollha tiegħek dwar l-ilment li ta lok għar-rakkomandazzjoni tal-Grievance Unit, u bl-intiża ċara li inti ma tivvanta ebda pretensjoni ulterjuri kontra l-kumpanija ta' kwalunkwe' xorta dwar dan il-każ jew dwar il-fatti li taw lok ghalih."[7]

27. Kull min ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-*Unit* seta' jitlob reviżjoni minn *Review Board* u l-attur fil-fatt għamel talba għal reviżjoni fit-3 t'April 2017. Ir-rakkomandazzjoni mogħtija fl-20 ta' Frar 2019 tgħid hekk: "Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jinkwadraw dan il-każ, il-Board qiegħed jirrakomanda li s-Sur Raymond Arpa jingħata l-kumpens massimu ta' €3,000 u li minnu jitnaqqsu l-€2,500 li huwa kien ħa tramite d-deċiżjoni tal-Grievance Unit."[8] Ingħad ukoll li

[5] Fol 165 tal-proċess.
[6] Fol 167 – 168 tal-proċess.
[7] Fol 170 tal-proċess.
[8] Fol 180 tal-proċess.

dik id-deċiżjoni tar-*Review Board* kienet waħda finali u l-każ kien ġie meqjus magħluq.

28. Fis-sena 2019 reġa ġie imwaqqaf *Grievance Board* ieħor bl-intiża li jittratta dawk il-każijiet ta' allegat inġustizzji relatati max-xogħol fl-Air Malta li qatt ma ġew sottomessi quddiem *Grievance Board* preċidentement imwaqqaf jew reviżjoni tagħhom.[9] Jidher mill-atti li nonostante din il-premessa l-attur ippreżenta l-ilment tiegħu, kopja ta' liema qatt ma ġiet ippreżentata fl-atti u allura din il-Qorti tista biss tasal għal konklużjoni ta' x'kienu minn dak li ingħad fir-rakkomondazzjoni mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2020:

> "Fir-rigward tal-ewwel talba, ġaladarba l-applikant ingħata dak kollu dovut lilu tramite l-Ftehim li kien sar bejn il-G.W.U u l-Air Malta għall-impjegati li spiċċaw bl-E.R.S. fl-2012 it-talba tiegħu mhix tiġi milqugħa.
>
> Fir-rigward tat-tieni talba tiegħu, il-Bord mhuwiex jilqa' t-talba tal-applikant għaliex il-kumpens mogħti lilu kien il-massimu stabbilit li seta' jingħata f'ċirkostanzi simili bħal tiegħu."[10]

Għal darb'oħra ingħad li din id-deċiżjoni hija finali u l-każ huwa meqjus magħluq.

29. Jidher minn ittra mibgħuta fit-12 ta' Lulju 2020 lis-Segretarja tal-Bord tal-Inġustizzji li fl-aħħar ilment kien qiegħed jikkontendi għal darb'oħra fuq l-arretrati kif ukoll l-allegatament żieda li kellu jieħu. Il-Qorti tuża l-kliem 'għal darb'oħra', stante li l-ilment tiegħu lura fis-sena 2014 kien proprju fuq arretrati u żieda fil-paga.

30. Ikkonsidrati l-fatti rilevanti imiss issa li l-Qorti tikkonsidra x'tipprovdi l-liġi rilevanti sabiex tiddetermina jekk hemmx għemil amministrattiv li jista' jiġi

[9] https://tourism.gov.mt/en/Pages/grievanceboard.aspx
[10] Fol 185 tal-proċess.

kkunsidrat minnha u jekk tali għemil għandux jitqies bħala *ultra vires*. L-**Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12** jiddeffinixxi egħmil amministrattiv bis-segwenti mod:

> “"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta’ kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:
>
> Iżda, ħlief f’dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa’ ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta’ din it-tifsira;”

31. Awtorita pubblika imbagħad hija mfissra bħala “il-Gvern ta’ Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta’ liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta’ xi sengħa jew professjoni”

32. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi meta qorti tissejjaħ sabiex tagħmel stħarriġ ġudizzjarju ta’ xi għemil tal-awtorita pubbliku, l-esklużjonijiet mogħtija mil-liġi għal ġurisdizzjoni tagħha għandhom jingħataw interpretazzjoni dejqa u l-qorti m’għandhiex faċilment tiddeċiedi illi ma teżerċitax dawn is-setgħat. Dan kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Camilleri vs. Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati** mogħtija mill-Prim’Awla fis-26 t’Ottubru 2010:

> “Billi din tal-lum hija azzjoni meqjusa bhala wahda ta’ procedura specjali dwar stharrig tal-ghamil tal-amministrazzjoni pubblika, jibda biex jinghad li s-setghat li l-ligi taghti lill-Qrati f’azzjonijiet bhal din iridu jitwettqu fil-parametri precizi li tistabilixxi l-ligi specjali. Min-naha l-ohra, fejn din il-Qorti tissejjah biex twettaq is-setgha taghha li tistharreg ghamil ta’ xi awtorita’ pubblika, u x’aktarx minhabba li dan l-istharrig huwa r-rimedju wahdien li jinghata lil min ihossu mgarrab b’dak l-ghamil, din ghandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-ligi ma teskludihiex milli tindahal, u ghandha taghti lill-eskluzjoni tifsira mill-idjaq kontra li terhi milli twettaq is-setghat taghha.”

33. Skont l-insenjament tal-qrati[11], għemil amministrattiv huwa suġġett li jiġi mistħarreġ mill-qorti fejn dan ikun att li jikkostitwixxi deċiżjoni meħuda minn awtorita pubblika, kemm jekk din tkun deċiżjoni li tilqa' talba kif ukoll jekk tkun deċiżjoni ta' rifjut ta' talba. Inoltre,

> "[b]iex ikollha il-kwalitajiet ta' decizjoni, dik il-kitba trid tkun ghalqet kwestjoni jew ilment billi tghid li dik hija l-fehma ahharija tal-awtorita' pubblika li tkun ghall-ilment jew ghat-talba li jkun sarulha."[12]

34. Fir-rigward tal-fattispeċi tal-każ odjern il-Qorti ddawwar ħarsitha lejn dak li ingħad fil-kawża **Charmaine Muscat vs. Mario Cutajar noe et** (Rik Ġur 428/2017) mogħtija mill-Prim'Awla fid-29 ta' Settembru 2022. Hija u tittratta minn huwa leġittimu kontradittu spjegat hekk:

> "il-Board ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" kif definita fl-istess Art. 469A bħala li "tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi". Il-Board ma ġiex kostitwit permezz ta' liġi."

Kompli jingħad pero

> "Għalkemm il-Qorti tifhem li teknikament il-Unit u l-Board kienu ffakoltizzati jagħtu biss rakkomodazzjoni, u mhux ordni, huwa ċar li r-rakkomandazzjoni tagħhom kellha piż kbir fl-istruttura governattiva u kien wisq improbabbli li r-rakkomandazzjoni ma tiġix segwita. Iktar u iktar għaliex il-Unit u l-Board kienu ġew imwaqqfa biex iwettqu policy ddikjarata tal-Gvern li jindirizza l-inġustizzji. [...]
>
> Huwa minnu li l-Board mhuwiex qorti, u lanqas tribunal ġudizzjarji, u għalhekk m'għandux jitgħabba bil-proċedura bħall-Qorti. B'danakollu, ir-

[11] **Supreme Travel Limited vs. Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta** deċiża mill-Prim'Awla fit-18 ta' Jannar 2011; **Christine Borda vs. Direttur tat-Taxxi Interni** deċiża mill-Prim'Awla fis-26 ta' Novembru 2015.
[12] Ara per eżempju: **Jupiter Co Ltd et vs. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 t'April 2009; **Christine Borda vs Direttur tat-Taxxi Interni** deċiża mill-Prim'Awla fis-26 ta' Novembru 2015; **John Grech et vs. Kummissarju tat-Taxxi** deċiża mill-Prim'Awla mit-2 ta' Marzu 2016; **L-Avukat Dottor Alexander Schembri noe vs. L-Agenzija Identita Malta** deċiża mill-Prim'Awla fit-12 ta' Diċembru 2017.

regola tal-audi alteram partem skont l-Art. 469A preċitat jestendi għall-atti amministrattivi kollha mingħajr distinzjoni ta' xejn. Forsi din hija regola wiesgħa żżejjed imma hekk hi. Fid-dritt Ingliż, jikkumenta l-**Garner** [Brian Jones u Katharine Thompson, Garner's Administrative Law – 8th edition. (2005), paġna 251]:

"The rule against bias has an ambit restricted to judicial and disciplinary proceedings.2 In contrast, however, there is now no question that the other rule of natural justice, the audi alteram partem principle, extends beyond the judicial sphere to many purely administrative decisions… the content of the obligation may vary much with context, and it may be spoken of in terms of 'a duty to act fairly' rather than a duty to comply with natural justice; nevertheless in some such modified shape and form the rule operates. As such it has proved a valuable aid to the courts in seeking to secure standards of administrative justice… What is due notice, or adequate information, or fair opportunity to state one's case, will depend on context. As Megaw LJ stressed in **R v Board of Visitors of Hull Prison, ex p St Germain**, it is 'fallacious to assume, as appears frequently to be assumed, that the requirements of natural justice in one sphere are necessarily identical in a different sphere'.

"… At one end of the spectrum they may approximate to the judicial procedures associated with courts of law….

"In other contexts, at or towards the other end of the spectrum, the audi alteram partem obligations may be satisfied by much less elaborate or sophisticated procedural safeguards. So, for example, it may only be necessary to give the citizen a 'general idea' of the matter to be taken into account or the 'case' against him and it may not be necessary to offer any oral hearing at all – an opportunity to make written representations sufficing".

35. Fis-sentenza **Austin Masini vs. Ministeru tas-Sahha et** mogħtija mill-Prim' Awla fil-11 ta' Mejju 2021 ġie ikkunsidrat hekk:

"L-ewwel u qabel kollox, jirriżulta illi, għalkemm id-deċiżjoni meħuda mill-*Grievances Unit* u, sussegwentement, mir-*Review Board*, strettament ma humiex deċiżjonijet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" kif stabbilita fl-artikolu 469A (2) tal-Kap. 12, jirriżulta illi d-deċiżjoni ta' tali entitajiet informali kienu eventwalment jitqiesu mid-dipartimenti rispettivi tagħhom, ossija l-Ministeru tas-Saħħa, fil-każ tal-*Grievances Unit*, u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fil-każ tar-*Review Board.*

> Għalhekk, il-qorti tqis illi, ai fini ta' l-ewwel talba tar-rikorrent, id-deċiżjoni tagħhom hija waħda li tikkostitwixxi għemil amministrattiv u li għalhekk huwa sindakabbli minn dina l-qorti a tenur tal-artikolu 469A."

Din il-parti tas-sentenza tal-prim' istanza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-26 t'Ottubru 2022.

36. Din il-Qorti tabbraċja talli insenjament u għalhekk tqis li d-deċiżjonijiet mogħtija mill-*Grievance Unit*, mir-*Review Bord* u mill-Bord tal-Inġustizzji huma deċiżjonijiet li jikkostitwixxu għemil amministrattiv u li allura huwa applikabbli Artikolu 469A tal-Kap. 12.

37. Immiss issa jiġi determinat jekk din l-azzjoni ġietx intavolata fit-terminu ta' sitt xhur skont l-Artikolu 469A (3):

> "**Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."**

38. Nonostante li l-attur naqas milli jindika bi preċiżjoni taħt liema sub-inċiż tal-Artikolu 469A (1) qiegħed issejjes l-azzjoni tiegħu ma jidhirx mill-atti li huwa qiegħed b'xi mod jilmenta li l-egħmil amministrattiv kiser xi provvediment tal-Kostituzzjoni. Bit-tieni talba tiegħu l-attur qiegħed jirreferi għad-drittijiet tiegħu mogħtija taħt il-Kaptiolu 452 ġia diskuss aktar 'l fuq. Ifisser allura li l-azzjoni taħt l-Artikolu 469A hija msejsa fuq xi waħda mis-sub-inċiżi tal-Artikolu 469A (1) (b) u li għalih it-tielet sub-artikolu fuq kwotat huwa applikabbli.

39. Huwa ormai stabbilit ukoll li t-terminu tas-sitt xhur li jirreferi għalih l-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 huwa wieħed ta' dekadenza u ċioe dan it-terminu ma jistax jiġi interrott jew sospiż bħal ma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni.[13]

40. In oltre għandu jingħad li s-sitt xhux jibdew jiddekorru minn meta l-persuna interessata isir taf jew setgħet isir taf b'dak l-egħmil amministrattiv. Ingħad fil-ġurisprudenza nostrana li meta jkun hemm talba għal rikonsiderazzjoni, huwa minn dak iż-żmien li jibda jiddekorri. Ġie ritenut fis-sentenza **Mizzi Antiques Ltd vs. Ic-Chairman tal-Malta Enterprise et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Jannar 2019 li:

> "11. Din il-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorità li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu fis-sub-inċiż (2) tiegħu jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali."

41. Fil-każ odjern l-ewwel rakkomandazzjoni mill-*Grievance Unit* ingħatat fid-19 ta' Settembru 2016 u r-rikonsiderazzjoni tagħha saret mir-*Review Board* fl-20 ta' Frar 2019. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fil-21 ta' Diċembru 2020, aktar minn sena wara li kien skada it-terminu imsemmi ta' sitt xhur.

---

[13] Ara fost oħrajn **Dr. Antoinette Cutajar vs. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru 2018.

42. Jonqos pero jiġi kkunsidrat l-aħħar rakkomandazzjoni mogħtija mill-*Grievance Unit* imwaqqaf fl-2019. Kien fis-26 ta' Ġunju 2020 li ingħatat rekomandazzjoni. Din il-Qorti iżda tqis li dak li ġie meqjus f'dik ir-rakkomandazzjoni ma kien xejn ġdid u differenti minn dak li kien diġa ġie konkluż bir-rakkomandazzjonijiet tad-19 ta' Settembru 2016 u bis-sussegwenti rikonsiderazzjoni tal-20 ta' Frar 2019 u għalhekk dawk kellhom jitqiesu bħala aħħarija.

43. Jirriżulta illi f'Mejju 2019 l-attur reġa' ressaq ilment quddiem il-Bord tal-Inġustizzji dwar l-arretrati u talba sabiex jieħu ż-żieda li ħadu l-kollegi tiegħu fis-sena 2012. Dan kollu magħdud il-Qorti tasal għal konkluzjoni li l-attur seta' jkun jaf x'ser ikun l-eżitu ta' dak l-ilment qabel ma ressaq l-ilment stante li ma kien hemm xejn differenti minn dak mitlub preċidentament u li kien ġia deċiż u konkluż. Kif ingħad fis-sentenza sukwotata **Mizzi Antiques Ltd vs. Ic-Chairman tal-Malta Enterprise et**, l-attur ma jistax minn żmien għal ieħor jitlob eżami mill-ġdid ta' fatti ġia meqjusa jew rikonsiderazzjoni bit-tama li xi darba jikseb rakomandazzjoni favorevoli.

44. Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li s-sitt xhur ai termini tal-Artikolu 469A (3) kienu ddekorrew.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta ġuramentata ulterjuri tas-soċjeta Air Malta plc ippreżentata fil-25 ta' Mejju 2021[14] kif ukoll l-eċċezzjoni rigwardanti l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 imressqa fir-risposta ġuramentata ulterjuri mill-

[14] Fol. 147 et seq.

Ministru tat-Turismu fid-9 ta' Ġunju 2021 u tiddikjara l-azzjoni attriċi in kwantu msejsa fuq Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta perenta ai termini tas-sub-inċiż 3 tal-istess artikolu.

2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni mressqa fir-risposta ġuramentata ulterjuri tas-soċjeta Air Malta plc ippreżentata fil-25 ta' Mejju 2021 u tiddikjara illi kwalunkwe ilment tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta invokat mill-attur kellu jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

3. Tiċħad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Moqrija**.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Frar, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**